# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 7**

**Citazzjoni Numru 208/05 LSO**

**Joseph u Antoinette konjugi Farrugia**

**v.**

1. **Joseph Attard**
2. **Joseph Grima**
3. **G&AC House Limited (C23708)**

Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li l-atturi ppreżentaw fit-28 ta' Frar, 2005 u li taqra hekk:

> "Peress illi l-atturi kienu silfu lil Joseph Attard u lil Joseph Grima, t-tnejn in rappresentanza tas-soejeta` G&AC House Limited, is-somma ta' mija u sittin elf lira Maltija (Lm160,000) skont l-iskrittura privata datata s-6 ta Lulju 1999, liema somma kellha tithallas sal-31 ta' Awwissu 1999 minghajr interessi ezibit u mmarkat Dok "A";
>
> "U billi l-partijiet kienu qablu li jekk l-ammont ma kienx jithallas sal-31 ta' Awwissu kienu ser jaddevjenu fuq kuntratt sabiex id-dejn isir esekuttiv u l-konvenut Joseph Attard jikkostitwixxi ruhhu garanti tas-

socjeta` konvenuta bil-proprjeta tieghu f'Tal-Virtu' Godwin Canada Street, liema proprjeta` tikkonsisti fi *plot* minghajr numru liema *plot* hija l-ahhar wahda kif deskritta fil-kuntratt ta' tpartit datata 24 ta' Gunju 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon;

"U billi l-konvenuti ghadhom sallum ma hallsux l-ammont dovut, u ghadhom ma resqux sabiex jippublikaw l-att fuq imsemmi;

"U billi s-socjeta` konvenuta mhix u qatt ma kienet ta' sustanza ghad-debitu li gabet u giet uzata mill-konvenuti in *mala fede* biex jiehdu l-flus tal-atturi;

"Jghidu l-istess konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna ohra:

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom dahlu fil-ftehim *de quo* bi frodi u qerq perpetrati ghad-dannu tal-atturi;

"2. Tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom huwa responsabbli ghall-hlas ta' mija u sittin elf lira Maltija (Lm160,000) flimkien mal-imghax legali dovuta mill-31 ta' Awwissu 1999 flus mill-atturi mislufa lis-socjeta` konvenuta kif fuq inghad u ghal-liema l-istess konvenuti huma solidalment responsabli ghall-hlas lura minhabba c-cirkostanzi premessi;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju li toghgobha tiffissa jhallsu l-ammont dovut lill-atturi;

"4. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Attard sabiex fi zmien qasir u perentorju li toghgobha tiffissa, jersaq sabiex jikkostitwixxi ruhu garanti tas-socjeta` konvenuta bil-proprjeta' tieghu f'Tal-Virtu` Godwin Ganado Street, liema proprjeta` tikkonsisti fi *plot* minghajr numru liema *plot* hija l-ahhar wahda kif deskritta fil-kuntratt ta' tpartit datata 24 ta' Gunju 1993 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon u tiffissa jum, hin u lok u tinnomina Nutar Pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv ta' bejgh u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-kontumaci.

"Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali ulterjuri kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eċċezzjnijiet ta' Joseph Attard li in forza tagħha eċċepixxa illi

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-iskrittura privata tas-6 ta' Lulju 1999 hija nulla u bla effett peress illi l-kunsens tal-eccipjent kien ottenut b'qerq u *inoltre* l-iskrittura hija simulata, minghajr kawza lecita u kontra l-ordni pubbliku u

konsegwentement kwalunkwe obbligazzjoni li jista' jkollu l-eccipjent fuq dik l-iskrittura hija inesegwibbli.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-ezekuzzjoni tal-iskrittura sar bi ksur tal-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju (**Kap. 233**) vigenti fiz-zmien tal-iskrittura u konsegwentement kwalunkwe obbligazzjoni li jista' jkollu l-eccipjent fuq dik l-iskrittura hija inesegwibbli.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-raba' talba hija preskritta taht l-**artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16).**

"4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Settembru, 2013 li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

"... ... ...filwaqt illi **tilqa' it-tielet eccezzjoni** tal-konvenut Joseph Attard u ghalhekk **tichad it-talbiet attrici** fil-konfront tal-konvenut Joseph Attard, tilqa' t-tieni u t-tielet talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta kontumaci G&AC House Limited u tichad it-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-konvenut kontumaci Joseph Grima, u tiddisponi mill-bqija tat-talbiet attrici billi tichad l-ewwel talba u tichad ir-raba' talba u:-

"1. **Tilqa'** it-tieni talba attrici u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta G&AC House Limited hija responsabbli ghal hlas ta' Lm160,000 ekwivalenti ghal tliet mija, tnejn u sebghin elf, sitt mija u disgha u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€372,699.74) flimkien mal-imghax legali mill-31 ta' Awwissu 1999;

"2. **Tilqa'** it-tielet talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta G&AC House Limited sabiex fi zmien xahar millum thallas l-ammont ta' tliet mija, tnejn u sebghin elf, sitt mija u disgha u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€372,699.74) flimkien mal-imghax legali mill-31 ta' Awwissu 1999 dovut lill-atturi.

"L-ispejjez jithallsu mis-socjeta konvenuta G&AC House Limited.!

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi f’din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenuti dahlu fi ftehim datat 6 ta’ Lulju 1999, bi frodi u qerq, u sabiex jigi ddikjarat li l-konvenuti huma responsabbli li jhallsu l-ammont skont din l-iskrittura privata bl-interessi mill-31 ta’ Awwissu 1999 u li l-konvenuti huma solidament responsabbli ghal tali debitu; sabiex tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu l-ammont dovut u fl-ahharnett sabiex l-konvenut Joseph Attard jersaq sabiex jaghti l-garanzija li hemm specifikata f’din l-iskrittura privata.

“Min-naha l-ohra l-konvenut **Joseph Attard** permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet eccepixxa li t-talbiet tal-attur huma nfondati peress li l-iskrittura privata datata 6 ta’ Lulju 1999, hija nulla ghaliex il-kunsens tal-konvenut kien ottenut bil-qerq, u minbarra dan, l-kuntratt huwa simulat u minghajr kawza lecita u li ghalhekk imur kontra l-ordni pubbliku. Bhala tieni eccezzjoni, l-konvenut eccepixxa li l-iskrittura hija nesegwibbli ghaliex saret bi ksur tal-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju u fl-ahharnett l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Ghandu jigi nnotat f’dan l-istadju li kemm il-konvenut Joseph Grima personalment, kif ukoll is-socjeta` G&AC House Limited ma rrispondewx ghal azzjoni tal-atturi u ghalhekk jitqiesu bhala kontumaci f’dawn il-proceduri.

“Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Il-konvenuti Joseph Grima u Joseph Attard iffurmaw is-socjeta' konvenuta G&AC House Limited f'Novembru 1998. Huma kienu nteressati jakkwistaw, permezz ta' din is-socjeta', il-Lukanda Golden Sands. Gew introdotti lill-certu Ken Rees-Jones li kien jirrapprezenta ditta bl-isem "*Internantional Business Consultants"* peress li qalilhom li din il-persuna tista' iggibilhom il-finanzjament mehtieg. Wara diversi laqghat bejn il-konvenuti u Rees-Jones, dan qallhom li biex jottjenu il-finanzjament kellhom ituh garanzija temporanja ta' Stg.£240,511 sa' Gunju 1999 u bhala garanzija li jottjeni s-self, ghaddielhom *post dated cheque* ta' stg £2 miljuni. Kellhom ftit granet biss biex jottjenu l-flus biex jaghmel tajjeb ghall-garanzija u, permezz ta' certu Lilian Debono, gew introdotti lill-attur Joseph Farrugia li accetta li jghaddilhom is-somma mitluba ghall-garanzija li kienet ekwivalenti ghal circa Lm160,000 biex tithallas lill-Rees-Jones. Wara li ghaddielhom il-fondi, l-attur insista li jaghmlu skrittura ta' self, li hija l-mertu ta' dawn il-proceduri.

“Sabiex jissostanzjaw it-talbiet taghhom, l-atturi bhala provi esebew l-iskrittura privata datata 6 ta’ Lulju 1999, kopja ta’ *cheque*s f’isem Joseph Attard u mmarkati bhala Dok. B u Dok. C, kopji ta’ notamenti li mhumiex cari ezibiti bhala Dok. C1 u Dok. C2 u affidavit ta’ **Joseph Farrugia.** Ghalhekk l-unika prova li saret da parti tal-atturi minbarra d-dokumenti esebiti hija x-xhieda tal-attur stess Joseph Farrugia. L-attur f’din ix-xhieda jghid li din il-kwistjoni kollha bdiet meta kien qieghed ghand habiba tieghu jisimha Lilian Debono, f’Lulju tas-sena 1999, meta wasal grupp ta’ nies li kienu jinkludu lill-konvenuti Joe Grima u Joseph Attard. Illi wara li l-konvenuti kienu spjegaw li kienu f’sitwazzjoni difficli u li kellhom bzonn xi flus, l-attur jghid li hu qabel ma Lilian Debono li

johorgu l-flus bejniethom biex jghinu lill-konvenuti. L-attur jghid li dak il-hin qal lill-konvenuti li kien hemm bzonn li jaghmlu tajjeb ghal dan is-self b'xi haga u li Joseph Attard kien assikurah li seta jaghmel tajjeb b'bicca art li kellu tal-Virtu. L-attur ikompli li wara ftit jiem mar ghand il-konvenuti flimkien ma Lilian Debono u ta l-flus lil konvenuti, u wara li staqsihom kemm kienu se jdumu ghandhom, l-konvenuti assigurawh li kienu se jirritornaw l-flus wara xahar u nofs, pero` l-attur ried iserrah rasu u ghalhekk qalilhom biex imorru ghand Nutar u li ried jara l-kuntratt tal-art tal-konvenut Attard li kienet f'tal-Virtu. Wara ftit jiem kienu marru ghand in-Nutar Fenech Adami biex jaghmlu l-iskrittura privata, u jkompli jghid li dak il-hin il-konvenut Attard ma kellux fuqu l-kuntratt tal-art li kienet f'Tal-Virtu` u li izda rega' assikurah li kellu titolu fuq dik l-art. L-attur jghid ukoll li n-Nutar riedet tinsinwa din l-iskrittura, izda li *stante* li kien hemm oggezzjoni da' parti tal-konvenuti ma sar xejn. Joseph Farrugia jghid li kien biss f'dan il-mument quddiem in-Nutar li sar jaf bil-kumpannija G & AC House Limited u li l-konvenuti kienu hadu l-flus taht l-isem ta' dik il-kumpannija. Jghid li *stante* li diga kien hallashom, huwa ma oggezzjonax ghal fatt li kienet se tidher isem il-kumpanija fl-iskrittura. L-attur jghid ukoll li wara beda jmur ghand l-konvenuti sabiex jigbor il-flus, izda kienu jghidulu li ma kellhom xejn. Dan baqa' sejjer ghal xi zmien sakemm l-attur iddecieda li jiftah din il-kawza.

"Il-konvenut Joseph Attard, ssostanzja l-eccezzjonijiet tieghu billi gie pprezentat affidavit tal-istess Joseph Attard u pproduca bhala xhieda lil rapprezentant tal-Bank Centrali, lil Lilian Debono, rapprezentant ta' Global Capital u rapprezentant tal-Borza ta' Malta.

"Fl-affidavit tieghu **Joseph Attard** jghid li l-ewwelnett hu kien informa lill-attur Joseph Farrugia li l-plot li kienet qeghda Tal-Virtu kien akkwistaha flimkien ma' missieru u dan permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Gunju 1993. Jghid ukoll li kienet Lilian Debono li kienet ghadditilhom tlett (3) *cheque*s li kienu pagabbli lil International Business Consultants, datati 14 ta' Gunju 1999, u li huma ezebiti bhala **Dok. JA 5,** ghas-somma komplessiva ta' mitejn u erbghin elf u hames mitt sterlina (GBP240,500). Dawn kienu mbaghad inghataw lil certu Ken Rees Jones li kien assigura lill-konvenut li dawn ikunu rimborsati jekk G&AC House Limited tkompli bin-negozju li kien gie miftiehem bejn dan Ken Rees Jones u l-konvenuti. Il-konvenut Attard ikompli jghid li wara li hu kien irritorna mill-Ingilterra, kienet cemplitlu Lilian Debono li kienet qaltlu li kien hemm bzonn li ssir skrittura dwar it-tlett *cheque*s. Dwar dan il-konvenut jghid li kien sorpriz ghaliex qatt ma kienu ftehmu li jsir hekk. F'dak il-mument il-konvenut l-iehor qallu li kien lest li jerfa nofs il-piz. Il-konvenut jghid li gialadarba kellu f'idejh *cheque* ghal ammont ta' zewg miljuni sterlina (£2,000,000) li kien inghatalu minn dan Ken Rees Jones, liema *cheque* l-konvenuti kienu certi li kien se jissarraf sal-31 ta' Awwissu 1999, allura kienu ftehmu li G & AC House Limited thallas lura l-ammont ta' mija u sittin elf Liri Maltin (Lm160,000) fi zmien hmistax-il gurnata mill-31 ta' Awwissu 1999. Kienu ftehmu wkoll li jekk inkun fadal bilanc, il-konvenut Attard kien lest li jaghmel kostituzzjoni ta' debitu u

jiggarantixxi l-hlas ta' dan il-bilanc bil-plot li ghandu f'Tal-Virtu. Huwa accetta li jiffirma din l-iskrittura ghaliex kien cert li c-*cheque* li kellu f'idejh ta' zewg miljuni jissarraf. Fil-10 ta' Awwissu 1999, l-International Business Consultants ikkancellaw il-ftehim ta' self li kellhom mal-konvenuti u ppropnew self iehor, izda riedu lura c-*cheque* ta' zewg miljuni. Il-konvenuti rrifjutaw li jaghtu lura dan ic-*cheque*, minhabba l-iskrittura ta' self li kellhom mal-attur. Dan is-self gdid li kienu ppropnew l-International Business Consultants qatt ma wasal u l-konvenut Attard kompla jinsisti ma' Ken Rees Jones biex jirrifondi l-£240,500 sterlina li l-konvenuti kienu tawh. Ic-*cheque* ta' zewg miljuni baqa' f'idejn il-konvenuti, liema *cheque* gie fdat fil-kustodja tal-avukat Martin Fenech. L-konvenut ikompli jghid li f'Dicembru 2001, dan Ken Rees Jones tah zewg *cheque*s bla data ghas-somma ta' £240,000 sterlina. Dan kien qallu li kellu jistenna ftit qabel isarrafhom u li kien ghalhekk li kienu bla data. Anke dawn iz-zewg *cheque*s inghataw lill-Avukat Martin Fenech. Fil-fatt din id-data qatt ma waslet. Il-konvenut ikompli li f'April 2002, ha parir legali u sar jaf li kien gie defradat bi skema li jisimha "*advance fee fraud*". Il-konvenut Attard sar jaf mill-awtoritajiet ta' Malta, li Scotland Yard kienet ghaddejja b'investigazzjoni fuq frodi li kkommetta dan Ken Rees Jones. Meta mbaghad l-attur baqa' jitlob il-hlas tal-flus, il-konvenut Attard kien irrifjuta li jhallas u kien baghtlu ittra ufficjali f'dan is-sens, ezebita bhala Dok. JA19. Il-konvenut Attard jghid li huwa a konoxxjenza tal-fatt li Joseph Grima rcieva c-citazzjoni ta' din il-kawza, izda ma ghamel l-ebda eccezzjonijiet. Attard jikkonkludi billi jghid li huwa tilef madwar Lm75,000 minhabba din il-frodi, u jemmen li l-attur ma hareg l-ebda flus u li ma tilef xejn.

"Sussegwentement xehdet **Lilian Debono**, u din il-Qorti thoss li x-xhieda taghha hija mportanti hafna f'din il-kwistjoni ghaliex tista' titfa dawl fuq liema verzjoni ta' fatti hija veritiera. Ghalkemm se jinghad aktar dwar dan aktar 'il quddiem, ix-xhieda ta' Lilian Debono kienet alkwantu evaziva u konfliggenti anke xi drabi mal-verzjoni tal-fatti li ta l-attur specjalment rigwardanti l-modalita` ta' pagament tas-somma mislufa. Ix-xhud tibda biex tghid li meta Joseph Grima kien mar id-dar taghha, hija kienet qaltilhom li ma setghet isibilhom lil hadd sabiex isellfilhom il-flus ghaliex dak ma kienx xogholha. Meta mbaghad l-attur beda jara li jaghmel dan is-self, staqsa lill-konvenuti jekk kellhomx xi garanzija x'jaghtu u l-konvenut Attard kien wiegeb li ghandu bicca art li tiswa madwar Lm300,000. Tghid ukoll li l-konvenut Attard kien qal lill-attur li setghu jmorru ghand Nutar sabiex jaghmlu skrittura. Lilian Debono tghid li l-attur Joseph Farrugia, kellu investimenti barra minn Malta u li hija kienet *accounts manager* tieghu mal-Globe Capital, u tghid li kienet hi li hadet hsieb il-procedura sabiex jinbieghu dawn l-investimenti. Ix-xhud tkompli li tahseb li kienet prezenti meta l-attur ghadda l-flus f'idejn il-konvenuti, ("*hekk minghalija",* tghid li jista' jkun li l-pagament sar parti *cash* u parti permezz ta' *cheque*s u li meta dawn issarfu, l-konvenut Attard cempel sabiex jiltaqghu ghand in-Nutar ha ssir l-iskrittura. Hawn ix-xhud giet murija l-kopji tat-tliet *cheque*s ezibiti bhala **Dok. JA5** u ma gharrfithomx, u tkompli li jista' jkun li l-flus ghaddew bhala '*personal cheque*s', li dawn kienu nhargu mill-Globe

Capital fuq l- attur Farrugia, liema *cheque*s gew *endorsed* f'isem il-konvenut Attard. Hi qalet li Joe Attard cemplilha u qalilha li c-cekkijiet issarfu. Lilian Debono tikkonferma li l-attur ried jinsinwa l-iskrittura, izda dan ma sarx ghaliex il-konvenuti kienu oggezzjonaw li jsir hekk. Meta x-xhud giet mistoqsija dwar Ken Rees Jones, ma ftakkritx x'kien jismu u qalet li qatt ma laqqawha mieghu. Ix-xhud giet mistoqsija wkoll dwar il-fatt li kienet poggiet sinjal ta' "*For Sale*" fuq il-bicca art li hija proprjeta` tal-konvenut Attard, bin-numru taghha, u qalet li ma tiftakarx li kienet ghamlet hekk. Fl-ahhar ix-xhud giet murija l-ittri li gew ezebiti bhala **Dok. JA 13,** u tghid li ma tiftakarx xejn dwar dawn l-ittri.

"Meta gie prodott ir-rapprezentant tal-**Globe Capital,** esebixxa t-transazzjonijiet li kienu saru mill-attur bejn il-1 ta' Jannar 1999 u l-31 ta' Lulju 1999, gew ezebiti bhala **Dok. AC.** Meta x-xhud gie mistoqsi f'liema perijodu Lilian Debono kienet impjegata ma' Globe Capital, jghid li hi bdiet l-impjieg taghha fl-1 ta' Settembru 2000, li kienet *investment manager* u li tterminat l-impjieg taghha fil-15 ta' April 2002, meta rrizenjat. Ma eskludiex li setghet hadmet maghhom qabel l-impieg formali bhala *business introducer.* Ir-rapprezentant tal-**Borza ta' Malta** wkoll esebixxa numru ta' transazzjonijiet li saru f'isem l-attur mill-15 ta' Gunju 1999 sal-21 ta' Gunju 1999.

"Xehdet ukoll rapprezentant mill-Bank Centrali ta' Malta u qalet li ma jirrizultax li l-attur kien ghamel talba biex jkun jista' jislef flus f'munita barranija jew inkella jirrimpatrija flus esteri lejn Malta.

"**<u>Eccezzjoni ta' Preskrizzjoni</u>**

"Illi din il-Qorti thoss li qabel ma tidhol fil-mertu tal-kwistjoni li hemm quddiemha huwa essenzjali li jigu trattati l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut. Qabel ma titratta l-eccezzjonijiet dwar il-validita *o meno* tal-iskrittura, ghandha tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu **2156 (f)** tal-Kap.16, ghaliex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha dejjem tigi trattata l-ewwel u qabel kollox. Il-preskrizzjoni li giet eccepita mill-konvenut Joseph Attard, li kif jirrizulta mill-iskrittura privata dahal bhala garanti fl-eventwalita` li s-socjeta` G&AC House Limited ma thallasx id-dejn, hija dik tal-**Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili** jghid:

> *"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *"(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li gej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn hwejjeg oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;"*

"L-iskrittura privata giet iffirmata fis-6 ta' Lulju 1999 u din il-kawza giet ipprezentata fit-28 ta' Frar 2005, b'hekk kienu ghaddew hames snin u sitt xhur.

"Min-naha tieghu l-attur jissottometti illi l-kawza saret *entro termine*

ghaliex sa nofs is-sena 2002, l-konvenut kien jibghat ittri lil atturi li fihom kien jaccetta li l-flus kienu ghadhom dovuti; t-tieni nett l-atturi nterrompew il-preskrizzjoni permezz ta' ittra ufficjali li giet notifikata fit-30 ta' April 2004.

"Rigward l-ewwel sottomissjoni din il-Qorti tinnota li l-unika prova li ghamel f'dan ir-rigward l-attur huma kopji ta' qishom noti – Dok. C1 a fol. 8 tal-process, li ma tantx huma cari. Joseph Attard in kontro-ezami[1] ikkonferma dawn id-dokumenti izda xehed li dejjem irrifjuta li jhallas dan l-ammont.

"Rigward it-tieni sottomissjoni, ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijet jaghmel referenza ghal ittra ufficjali li hija notifikata fit-30 ta' April 2004, din b'sorpriza kbira ma gietx ipprezentata. Madanakollu din il-Qorti tiddeduci li intbaghtet ghaliex hekk jirrizulta minn dokument **JA19** esebit mill-konvenut Joseph Attard li proprju taghmel riferenza ghal din l-ittra.

"Izda jibqa' li din il-Qorti ma setghetx tara l-kontenut tal-ittra, lil min kienet indirizzata u jekk gietx notifikata, u jekk kienet interpellatorja ghall-hlas, ghall-iffirmar tal-kostituzzjoni ta' debitu u ghall-kostituzzjoni tal-garanzija mitluba fic-citazzjoni – partikolarijiet essenzjali meta tigi eccepita l-preskrizzjoni.

"Min-naha tieghu l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet jghid li l-ittra ufficjali ma nterpellatx lil konvenut Joseph Attard sabiex jersaq biex jaghti l-garanzija u li ghalhekk din l-ittra ufficjali ma nterrompitx t-terminu preskrittiv b'referenza ghal garanzija. L-konvenut mbaghad jirreferi ghall-kawza fl-ismijiet **Pulis vs Zammit** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 1967, fejn il-Qorti qalet illi l-garanzija bhala obbligazzjoni naxxenti minn skrittura hija preskritta fi zmien hames snin.

"L-ewwelnett jigi rimarkat li azzjoni li hija naxxenti minn skrittura privata hija milquta b'din il-preskrizzjoni kwinkwennali. Skont l-insenjament ta' l-Appell fil-kawza **Attard et. vs Micallef** deciza fil-20 ta' Awwissu 1884: *"l'azione nascente da una scrittura privata si prescrive col decorso di anni cinque, ove non sia soggetta a Prescrizione piu` breve e questa non sia stata interrotta."*

"F'din il-kawza s-socjeta` konvenuta G&AC House Limited u Joseph Grima baqghu kontumaci u l-uniku konvenut li ddefenda ruhu huwa Joseph Attard li kif jidher mill-iskrittura privata ghandu jigi kkunsiderat bhala l-garanti tal-obbligazzjoni assunta mis-socjeta` konvenuta.

"Illi ghalhekk sabiex l-attur jiddefendi ruhu mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa kellu l-oneru li jesebixxi l-ittra ufficjali li jaghmel referenza ghaliha sabiex jipprova li din saret anke fil-konfront tal-

[1] Fol. 227 tal-process.

konvenut Joseph Attard bhala garanti tas-self. Izda din il-prova ma saritx. Illi l-attur ma jistax semplicement jghid li l-preskrizzjoni giet interotta minghajr ma effettivament jipprova li dan sar.

“Rigward l-interruzzjoni fl-istitut tal-preskrizzjoni, il-Qorti ta’ l-Appell, Sede Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **Austin Psaila vs Lother Slabick** deciza fid-9 ta’ Frar 2005, qalet:

> *“Huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal- preskrizzjoni l-attur-kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha. Ad exemplum:*
>
> *“(1) L-inapplikabilita` ghal meritu tal-kaz tal- preskrizzjoni specifika.*
>
> *“(2) is-sospensjoni;*
>
> *“(3) l-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta’ xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal illi b’ certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f’sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F’ dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet prevvisti mil-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili;"*

“Dik il-Qorti kompliet "*Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta’ xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta’ l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f’ denunzja tas-successjoni jew f’ forma ta’ entrata fl-accounts;*

*“Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta’ l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta’ l-inekwivocita`, dejjem b’ mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*“Jibqa’ dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit- Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi “iuxta allegata et probata”.* Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, *“jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta’ provi, allura l-konsegwenza m’ hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni.” (Kollez.* ***Vol. XXX P I p 989).*** *Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (Kollez.* ***Vol. XXXVIII P III p 723);”***

“Allura kien jispetta lill-attur li jipprova f’dawn il-proceduri li kien hemm interuzzjoni da parti tieghu taz-zmien preskrittiv fir-rigward tal-konvenuti. Dan huwa m’ghamlux. Hemm konflitt bejn ix-xhieda tal-kontendenti, u fl-assenza ta' prova cara ta' interuzzjoni jew permezz ta' att gudizzjarju jew altrimenti minhabba atteggjament tal-konvenut li univokament qed jaccetta r-responsabbilta' tieghu <u>bhala garanti</u>, din il-Qorti ghandha takkolji l-eccezzjoni sollevata. It-talba in kwantu indirizzata lill-Joseph Attard personalment hija preskritta.

“Dan kollu nghad fil-konfront tal-konvenut Joseph Attard personalment. Il-konvenuti l’ohra, *ossia* s-socjeta` G & AC House Limited u Joseph Grima baqghu kontumaci f’dawn il-proceduri. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha xorta wahda tara jekk t-talbiet attrici jistghux jigu milqugha fil-konfront tal-konvenuti kontumaci.

“**FRODI JEW QERQ**

“L-ewwel talba attrici qeghda titlob sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut jew min minnhom dahlu fil-ftehim *de quo* bi frodi jew qerq perpetrati ghad-dannu tal-atturi. Sabiex il-Qorti tista’ tistrada din il-kwistjoni huwa necessarju li tirribadixxi l-principji li jirregolaw il-frodi u gherq fil-ligi taghna.

“**Ai termini tal-Artikolu 981 tal-Kodici Civili:**

*“1) L-egħmil doluż huwa motiv ta’ nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*
*“(2) L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.”*

“Din hija l-bazi li fuqha din il-Qorti ghandha tiddeciedi jekk l-iskrittura tas-6 ta’ Lulju 1999, kinetx ivvizjata minhabba l-qerq ta’ wahda jew l-ohra mill-partijiet. Illi dan qed jinghad ghaliex meta l-ingann jigi pperpetrat minn terza persuna li kienet estranea ghall-kuntratt, dan ma jwassalx ghan-nullita tal-ftehim. Dan intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **<u>Alfred Sultana vs Maltacom plc</u>** deciza fit-8 ta’ Frar 2005.

“Illi ghalhekk il-fatt li probabbilment il-konvenut gie defrawdat mill-barrani Ken Rees Jones, ma jeffettwax il-validita *o meno* tal-iskrittura.

“Gie ritenut minn dawn il-qrati li biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f’kuntratt, hemm bzonn ta’ erba’ rekwiziti essenzjali ossija li a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; b) li dawn il-mezzi u atti jkunu fihom infushom gravi; c) li l-mezzi u l-atti jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet; u d) li dawn l-mezzi u atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Dawn ir-rekwiziti gew enuncjati fil-kawza citazzjoni numru 1198/00 fl-ismijiet **<u>George u Miriam konjugi Portelli vs Ivan John Felice</u>** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Lulju 2004. Hawn il-Qorti qalet:

> *"Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jhassar is-siwi tal-istess kunsens, jehtieg li (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (c) b'mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghamil li jmur lil hinn minn ftahir ezagerat dwar xi kwalita' tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwestjoni. Fil-kaz tal-qerq, ghall-kuntrarju ta' dak li jigri fil-vjolenza (bhala kawza ta' nullita' tal-kunsens), is-sehem ta' terza persuna ma jkunx bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun gie mehud b'qerq. Dan il-principju wkoll johrog mil-ligi;*
>
> "*Illi peress li l-ghamil doluz ma jistax ikun prezunt, fejn jigi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta' fatt bhal dan jaqa' fuq min iqanqal allegazzjoni bhal din.*
>
> "*Illi l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabiliti bla xkiel jew diffikulta' zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex f'kaz bhal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, ghall-kuntrarju ta' dak li huwa mehtieg meta jigi allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-ghamil doluz ma hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oggett tan-negozju li jkun;"*

"Inghad ukoll f'dan il-kuntest u specifikatament mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza citazzjoni numru 2756/1996 fl-ismijiet **Anthony Piscopo vs Charles Filletti** deciza fis-16 ta' Gunju 2003 li:

> *"Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi – "Josephine* ***Galea et –vs- AIC Walter Caruana Montaldo",*** *Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970.* Fiha ntqal illi *"d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fih";*

"Dan jattalja mal-hsieb traccjat fis-sentenza *"Giovanni* ***Farrugia Gay –vs- Emmanuele Farrugia Gay",*** *Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921* fejn jinghad li *"occorre un elemento specifico costuito dalle false rappresentazioni, degli artifizi fraudolenti, dello inganno, usati come mezzi per raggirare la scarsa intelligenza dell' altro contraente";*

"Naturalment kif jghid il-Baudry, *"nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla";*

"Dan ma jistax hlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta' kontraent wiehed ghad-dannu ta' l-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mil-ligi.
Jghodd sew ghal kaz il-hsieb akkolt mid-decizjoni fl-ismijiet *"G.*

***Germani Mifsud et nomine –vs– Chierico F. Bonnici”,*** *Appell Kummercjali, 4 ta' Gunju 1910:*

> "... *e` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezione ne` difesa... se non e` state impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo` ascoltare la voce di colui che non puo` la slealta` altrui senza gettare sopra se stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatibile fiducia poteva molto facilmente essere istruita".*

"Illi applikati dawn il-principji din il-Qorti ma thossx li l-fatti jinkwadraw ruhhom f'xi forma ta' raggir li parti setghet ipperpetrat kontra l-parti l-ohra. L-attur kien jaf ghal x'hiex diehel u l-konvenut kontumaci Joseph Grima qatt ma heba ghal xiex kellu bzonn l-flus li huwa talab lill-attur. Fl-affidavit tieghu l-attur jghid, a fol 15 u 16 tal-process, li l-konvenuti Joseph Grima u Joseph Attard kienu qalulu li kellhom negozju li kienu se jitilfu ghaliex kien irtira xi hadd minnu u li ghalhekk kienu se jitilfu deposit li kienu ghamlu. Min-naha tieghu l-konvenut Joseph Attard, fl-affidavit jghid, a fol. 33, li:

> *"Meta morna nkellmu lil Lilian Debono, l-attur Joseph Farrugia kien qieghed hemmhekk. Lilian Debono kienet infurmata sewwa dwar in-negozju ta' G&AC House Ltd, Nahseb ghaliex kien spjegalha kollox Joseph Grima. Lilian Debono kienet kellmitna, marret tkellem lil Joseph Farrugia f'kamra ohra u ftit wara giet tghidilna li biex taghmlilna pjacir ghaliex Joseph Grima kien habib taghha, kienet ser tirrangalna biex tipprokura cekk pagabbli lil International Business Consultants."*

"Imbaghad fix-xhieda li nghatat minn Lilian Debono a fol. 184 *et seq.* tal-process, hi tikkonferma li Joseph Farrugia kien jaf ghal xiex kien diehel. Fil-fatt hi tghid, li l-konvenuti ma' xi nies ohrajn kienu marru d-dar taghha, u:

> *"Dan Joseph Grima kien qalli illi kienu nkwetati hafna u kien qalli illi huma kienu qeghdin jaghmlu din ma xi nies barra minn Malta u li kienu diga ghaddewlhom hafna flus. Dawn il-barranin kienu qeghdin jitolbu minghand Joseph Grima u Joseph Attard is-somma ta' Lm170,000 bejn wiehed u iehor u ghalhekk huma riedu lil xi hadd illi jghinhom."*

"Hi tkompli li hemm kienet introduciethom lil attur Joseph Farrugia, ghaliex kien qieghed ghandha u wara li l-attur kien semgha l-istorja kollha, tghid:

> *"Joseph Farrugia kien staqsini jekk jiena kontx ilni naf lil dawn in-nies u jiena ghidtlu illi kont ili nafu minn mindu kelli tmintax-il sena, ghaliex huwa kien qalli, Joe Farrugia, illi kellu xi investimenti barra minn Malta u minhabba li thassarhom, kien dispost li jghinhom."*

"Ghalhekk minn dan kollu, din il-Qorti hija konvinta li l-partijiet kollha

kienu jafu ghal xiex diehlin meta ffirmaw l-iskrittura *de quo* u li ma kien hemm l'ebda raggir jew ingann. Ir-raggir jew ingann li probabbilment sofrew minnu l-konvenuti kien rizultat ta' agir ta' terza persuna li mihiex parti minn dawn il-proceduri u ghalhekk ma jistax jigi kkunsidrat. Ghaldaqstant a bazi ta' dak li ntqal hawn fuq ma jistax jinghad li kien hemm xi frodi jew gherq ipperpetrat ghad-dannu tal-atturi.

"Fit-tieni talba taghhom, l-atturi qeghdin jitolbu sabiex din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huwa responsabbli ghal hlas ta' mija u sittin elf Liri Maltin (Lm160,000), ekwivalenti ghal tliet mija u tnejn u sebghin elf, sitt mija u disgha u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€372,699.74) flimkien ma' l-imghax. Kif diga ntqal l-konvenuti kienu qalu lill-attur ghalxiex kellhom bzonn dan is-self u l-iskrittura li giet iffirmata bejn il-partijiet fis-6 ta' Lulju 1999, kienet iffirmata bil-konsapevolezza tal-partijiet kollha. Huwa mportanti li wiehed jara sewwa l-punti essenzjali ta' din l-iskrittura:

- "Deher l-attur Joseph Farrugia f'ismu u f'isem martu Antoinette Farrugia;

- "Dehru Joseph Attard u Joseph Grima f'isem u ghan-nom tal-kumpannija G & AC House Limited;

- Inghata self ta' mija u sittin elf Liri Maltin (Lm160,000);

- "Din is-somma kellha tinghata lura sal-31 ta' Awwissu 1999, minghajr interessi;

- "Jekk is-somma ma tithallasx sal-31 ta' Awwissu 1999, d-debitur kellu jersaq fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu sa mhux aktar tard mill-14 ta' Settembru 1999, u d-debitur Joseph Attard jintrabat li jaghti garanzija bi proprjeta tieghu f'Tal-Virtu, Godwin Ganado Street.

"Mill-provi u l-fatti li gew esebiti f'din il-kawza, ma jirrizultax bl-iktar mod car u inekwivoku li dan is-self fil-fatt sar lis-socjeta' konvenuta kontumaci. Dak li fil-fatt jirrizulta huwa li kien hemm tlett *cheque*s intestati lill-"International Business Consultants" fl-14 ta' Gunju 1999, ghall-ammont ta' mitejn u erbghin elf sterlina (£240,000) – Dok. JA5 a fol. 57 tal-process. Dak li jirrizulta wkoll mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Global Capital a fol. 193 *et seq* tal-process u partikolarment minn Dok. AC, huwa li l-attur fil-21 ta' Gunju 1999, rridima u biegh numru ta' Bonds ghall- ammontar ta' tlieta u disghin elf erba mija tmienja u tmenin sterlina u dsatax-il centezimu (£93,488.19). Imbaghad mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Borza ta' Malta a fol. 240 *et seq* tal-process jirrizulta u dan skont Dok. SC a fol. 256, li fil-15 ta' Gunju 1999, l-attur ta struzzjonijiet sabiex jinbieghu numru ta' "Go Ordinary Shares" ghall-ammont totali ta' ghaxart elef u erba' mitt Liri Maltin (Lm10,400). Il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni dawn id-dati biss, ghaliex dawn huma l-eqreb dati ghal meta effettivament sar is-self, jigifieri fl-14 ta' Gunju 1999. Wiehed jinnota wkoll li dawn l-ammonti, jigifieri tlieta u

disghin elf u erba' mija tmienja u tmenin sterlina u dsatax-il centezmu (£93,488.19) u ta' ghaxart elef u erba' mitt Liri Maltin (Lm10,400), certament ma jammontawx ghall-ammont misluf. Illi *icto oculi* wiehed diga` jinduna li dawn iz-zewg ammonti flimkien ma jammontawx ghas-self li sar ta' mitejn u erbghin elf sterlina (£240,000) kif jirrizulta mit-tlett *cheque*s (Dok. JA5) jew min-naha l-ohra l-mija u sittin elf Liri Maltin (Lm160,000) li jirrizulta mill-iskrittura privata. Izda hemm skrittura li tghid li dan l-ammont gie misluf u ghalhekk il-Qorti ghandha toqghod fuq dak li huwa miktub.

"F'dan l-istadju l-Qorti tixtieq tinnota wkoll li ghal dak li jirrigwarda certi fatti, nghataw verzjonijiet differenti mit-tlett persuni li kienu parti minn din it-transazzjoni, ossia, l-attur, l-konvenut u x-xhud Lilian Debono. L-ewwelnett, dak li ghandu x'jaqsam mal-flus li gie misluf. L-attur a fol. 15 tal-process jghid li huwa kien mar flimkien ma' Lilian Debono u kien ta' l-flus lil konvenuti Attard u Grima. Min-naha tieghu Attard jghid, a fol. 33 tal-process paragrafu 11, li kienet Lilian Debono li tat lilu u lil Joseph Grima tlett *cheque*s pagabbli lil *International Business Consultants* – u kopja ta' dawn ic-*cheque*s giet esebita bhala Dok JA5. Min-naha taghha Lilian Debono tghid a fol. 187 tal-process li l-pagament seta sar parti *in cash* u parti b'*cheque*s u minbarra dan ma gharfitx t-tlett *cheque*s li gew esebiti bhal Dok JA5. Ghalhekk min qed jghid il-verita` hawnhekk? Din il-Qorti tikkonsidra l-verzjoni tal-konvenut hija l-iktar wahda konvincenti, u dan ghaliex kien hu li esebixxa l-kopji tac-*cheque*s u l-verzjoni tieghu anke meta xehed in kontro-ezami hija wahda uniformi. Dan kontrarjament ghall-attur illi per ezempju jghid li ta l-flus lil konvenuti li kienu liri Maltin meta effettivament dan thallsu permezz ta' tlett *cheque*s ta' flus sterlini.

"Fatt iehor li ma kkonvinciex lil din il-Qorti huwa li fix-xhieda taghha Lilian Debono, a fol. 186 tal-process, tghid li hija kienet l-*accounts manager* tal-attur mal-Globe u li kienet hadet hsieb il-procedura normali tax-xoghol sabiex dawn l-investimenti jinbieghu – izda mbaghad meta xehed rapprezentant tal-Global Capital a fol. 193 et seq. tal-process jghid li Lilian Debono bdiet l-impjieg taghha ma' Globe fl-1 ta' Settembru 2000, li huwa ferm wara ma sar dan is-self, jigifieri fil-14 ta' Gunju 1999.

"Illi ghalkemm il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dawn l-inkongruwenzi kollha li rrizultaw mill-provi, xorta wahda bl-applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda*, ghandha tirreferi ghall-iskrittura privata tas-6 ta' Lulju 1999, u tapplikaha. Ghalhekk minn din l-iskrittura jirrizulta li hija s-socjeta` konvenuta G&AC House Limited li hija responsabbli ghad-dejn li jammonta ghal Lm160,000, ekwivalenti ghal tliet mija u tnejn u sebghin elf u sitt mija u disgha u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€372,699.74), u mhux il-konvenut kontumaci Joseph Grima."

Rat ir-rikors tal-appelll tal-atturi konjuġi Farrugia li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma u tbiddel is-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fis-26 ta' Settembru 2013 u dana billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu sabet is-soċjeta` G&AC House Limited responsabbli għal ħlas, tħassarha mill-bqija u minflok tilqa' t-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta ta' Joseph Attard li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Rat ir-risposta ta' Joseph Grima li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi u tikkonfermha in toto bl-ispejjeż kontra l-atturi;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet li deheru fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2017;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi f'din il-kawza l-atturi jgħidu li kienu silfu s-somma ta' Lm160,000 lil Joseph Attard u Joseph Grima, it-tnejn in rappreżentanza tas-soċjeta` G&AC House Ltd., u dan kif jirriżulta minn skrittura datata 6 ta' Lulju, 1999. Fuq l-istess skrittura ġie miftiehem li jekk is-somma ma titħallasx lura sal-31 ta' Awwissu (ta' dik l-istess sena), "id-debitur" ikollu jersaq għall-kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu, filwaqt li "*id-debitur Joseph Attard f'ismu personali*" jagħti garanzija għall-ħlas lura b'ipoteka fuq proprjeta` tiegħu f'Tal-Virtu`. Jidher li l-ħlas baqa' ma sarx, u l-atturi ressqu din il-kawża fejn talbu dikjarazzjoni li l-konvenuti daħlu għall-ftehim bi frodi u qerq, sabiex il-konvenuti jew min minnhom jiġi kkundannat jirrifondu s-somma ta' Lm160,000 allura mislufa lilhom, u sabiex Joseph Attard jirreġistra l-ipoteka fuq il-proprjeta` tiegħu f'Tal-Virtu`.

Il-konvenut Joseph Attard eċċepixxa illi l-iskrittura tas-6 ta' Lulju, 1999, hija nulla għal diversi raġunijiet, li l-istess iskrittura saret bi ksur tal-Att dwar il-kontroll tal-Kambju (Kap. 233) viġenti dak iż-żmien, u li, f'kull każ, l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili (bl-għeluq ta' ħames snin).

L-ewwel Qorti, wara li osservat illi ma jirriżultax qerq u ingann fl-iffirmar tal-iskrittura u li l-azzjoni fil-konfront ta' Joseph Attard personalment hi preskritta, sabet favur it-talba attriċi, iżda limitatament fil-konfront biss

tas-soċjeta` konvenuta G&AC House Ltd. L-atturi appellaw u talbu r-riforma tas-sentenza biex it-talbiet tagħhom jintlaqgħu ukoll kontra l-konvenuti.

Trattat l-appell, din il-Qorti tirrileva li l-allegazzjoni tal-atturi li l-iskrittura hija nulla għax affetta bi frodi ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti a bażi tal-fatt li l-atturi kienu jafu x'qed jiffirmaw u aċċettaw li l-obbligazzjoni tittieħed mis-soċjeta` G&AC House Ltd. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni. Jista' jkun li l-flus ingħataw lill-Attard u Grima, u li dawn it-tnejn ħolqu l-kumpanija bi skop preċiż li jirreġistraw is-self fuq isem l-istess kumpanija, u b'hekk jinħelsu mill-piż personali, pero`, jekk din kienet "*strataġemma*", kif jiddiskrivuha l-atturi, ma saritx bil-moħbi jew b'qerq. L-atturi kienu jafu x'qed jiġi reġistrat fuq l-iskrittura u minnha kien jidher ċar li Attard u Grima kienu qed jidhru flimkien f'isem u għan-nom tal-kumpanija, u l-atturi aċċettaw din l-istqarrija u ffirmaw l-iskrittura b'dik in-nomenklatura.

Kif intqal mill-Qrati tagħna – ara **Galea v. Caruana Montaldo**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru, 1970 – id-dolo jirnexxi "*meta ma jħallix lill-vittma żmien u ħsieb biex jirreżisti, anzi jneħħi minn moħħu l-iċken idea li hemm bżonn ta' reżistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-ieħor u tal-fiduċja riposta fih*".

F'dan il-każ ma jirriżultax li l-atturi ġew sforzati biex jiffirmaw dik l-iskrittura bil-mod li saret. Waqt l-iffirmar ma resqux oġġezzjoni dwar kif tniżżlu l-partijiet u lanqas ma seħħet xi strategemma bil-moħbi jew bil-gideb, iżda kollox sar bil-miftuħ.

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Piscopo v. Filletti**, deċiża fis-16 ta' Ġunju, 2003,

> "Ikun tassew facli f'kazijiet konsimili kieku kellu jigi accettat illi bl-iskuza ta' l-allegata mala fede da parte ta' wiehed mill-kontraenti, il-kontraent l-iehor japprofitta ruhu biex jezimi ruhu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex ihassar u jannulla ftehim konkjuz;
>
> "Jghodd sew ghal kaz il-hsieb akkolt mid-decizjoni fl-ismijiet "**G. Germani Mifsud *et nomine* –vs- Chierico F. Bonnici"**, Appell Kummercjali, 4 ta' Gunju 1910:
>
>> *"... e` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezione ne difesa ... se non e` state impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo` ascoltare la voce di colui che non puo` la slealta` altrui senza gettare sopra se stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatibile fiducia poteva molto facilmente essere istruita"."*

Fid-dawl tal-premess, ma jistax jingħad li l-iskrittura tas-6 ta' Lulju, 1999, hija karpita b'qerq għad-danni tal-atturi u jsegwi li d-debitur prinċipali tas-self hija s-soċjeta` konvenuta u mhux Grima u Attard personalment. Kwindi l-ewwel aggravju tal-atturi qed jiġi miċħud.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni milqugħa mill-ewwel Qorti fil-konfront ta' Joseph Attard, dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni relattiva fuq il-bażi li l-atturi ma ressqux il-prova tal-preżentata u tan-notifika tal-ittri uffiċjali li huma semmew. L-atturi jsostnu li dan ma kellhomx għalfejn jagħmluh għax peress li l-ittri uffiċjali huma atti tal-Qorti, l-ewwel Qorti setgħet tagħmel referenza għalihom hi stess.

Fuq dan il-punt l-atturi għandhom raġun. Kif intqal minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża **Korporazzjoni Enemalta v. V&C Contractors Ltd**, deċiża fit-22 ta' Jannar, 2010:

> "... ... ... It-Tribunal, avolja ma gietx prezentata kopja ta' dak l-att, kellu jiehu kont ta' dik l-ittra ufficcjali ghal-liema l-Korporazzjoni appellanti rreferiet fl-Avviz taghha ghaliex, trattasi ta' att gjacenti fir-Registru tal-Qorti, hu kellu l-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu li jivverifika dak l-istess att u jaccerta ruhu wkoll illi l-att mhux biss gie intavolat, izda notifikat ukoll;"

Bħala atti tal-qorti, il-Qorti li quddiemha ssir referenza għalihom, għandha hi stess tindaga fuqhom billi titlob li dawk l-atti jinġiebu quddiemha għall-eżami tagħha. Sakemm min jirreferi għall-atti jagħti biżżejjed dettalji għall-identifikazzjoni ta' dawk l-atti, ma hux meħtieġ li jiġu esebiti fil-proċess ta' kawza oħra u l-Qorti għandha hi stess tivverifika l-eżistenza u l-kontenut tagħhom.

F'dan il-każ l-atturi ressqu kopji ta' dawn l-ittri uffiċjali fl-istadju tal-appell. Il-parti qed titlob l-isfilz tagħhom, pero`, dan mhux meħtieġ għax kif

ingħad anke mingħajr l-esebizzjoni tagħhom, il-Qorti tista' dejjem tirreferi għalihom.

Issa, f'dan il-każ jirriżulta li qabel il-preżentata ta' din il-kawża, l-atturi bagħtu żewġ ittri uffiċjali lill-konvenuti, waħda datata 18 ta' Lulju, 2002 u l-oħra datata 13 ta' April, 2004, it-tnejn notifikati lil Joseph Attard fost oħrajn. Din tal-aħħar hija biss ittra uffiċjali interpellatorja għall-ħlas, pero`, dik ta' Lulju, 2002, hija aktar dettaljata u tirreferi speċifikament għall-garanzija personali li assuma Joseph Attard, b'intima li fin-nuqqas ta' pagament, l-atturi jipproċedu skont il-liġi. Din l-ittra uffiċjali hija għalhekk suffiċċjenti biex tinterrompi kwalsiasi preskrizzjoni li kienet qed tgħaddi favur Joseph Attard.

Issa l-obbligazzjoni ta' dan Joseph Attard (li jiskrivi ipoteka fuq proprjeta` tiegħu f'Tal-Virtu`) skattat fil-31 ta' Awwissu, 1999. Il-ħames snin ġew interrotti bl-ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju, 2002 u notifikata fit-23 ta' Lulju, 2002. Entro ħames snin minn dik id-data, ġiet ippreżentata din il-kawża fit-28 ta' Frar, 2005. Il-konvenut jgħid li n-notifika mhux valida għax saret fir-residenza ta' tfulitu f'idejn missieru. Il-konvenut, pero`, ma jittentax jikkontesta il-validita` tar-riferta pożittiva kif trid il-liġi, u lanqas ma ittenta juri li dik l-ittra uffiċjali fil-fatt ma waslitx għandu. Kif inhu magħruf anke jekk riferta ta' att gudizzjarju ma tkunx korretta, in-notifika

tkun titqies li saret validament jekk dak l-att, bħala fatt, ikun wasal f'idejn min kellha tasal.

Apparti dan, mill-atti u mid-dokumenti esebiti hemm x'jindika li dan Joseph Attard irrikonoxxa r-responsabbilita` personali tiegħu fil-materja. Għamel pagament ta' Lm100 akkont u stqarr illi "*by next week I should receive same more which I will pass to you*". L-allegazzjoni li dan il-ħlas sar għax l-attur dejqu jinsisti warajh għall-ħlas, anke jekk minnha, ma tinnewtralizzax l-effett tal-ħlas fuq il-preskrizzjoni.

L-azzjoni attriċi fil-konfront tal-konvenut Joseph Attard ma tistax titqies preskritta.

Il-konvenut Attard jgħid li hu qajjem eċċezzjonijiet oħra kontra l-validita` tal-iskrittura tas-6 ta' Lulju, 1999, li ma ġewx trattati mill-ewwel Qorti. Dwar l-eċċezzjoni bażata fuq frodi, l-ewwel Qorti, fil-verita` ċaħdet din l-allegazzjoni meta qalet testwalment li "*il-fatt li probabbilment il-konvenut ġie defrawdat mill-barrani Ken Rees Jones, ma jaffettwax il-validita` o meno tal-iskrittura*". L-ewwel Qorti osservat, kif tosserva l-liġi, li frodi pprattikat minn terz mhux b'kompliċita` mal-parti fil-kuntratt ma tistax tinġieb bħala raġuni biex jitħassar dak il-kuntratt. Kwindi l-allegazzjoni tiegħu li l-kunsens tiegħu kien difettuż minħabba qerq ġiet imwarrba mill-

ewwel Qorti. Darba li ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza, il-kwistjoni hija magħluqa.

Dwar l-eċċezzjonijiet l-oħra din il-Qorti tara li, meta tqis li din il-kawża ilha pendenti mit-2005 u l-provi inġabru kollha u huma fl-atti, hija tista' tiddeċiedi dwarhom hi stess f'dan l-istadju.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' simulazzjoni, hu jatribwixxi s-similazzjoni fuq l-atturi, għax skont hu, dawn ma riedux jikkonkludu att ġuridiku konsistenti f'self lis-soċjeta` konvenuta. Kif rajna, pero`, l-atturi kienu jafu għal x'hiex qed jiffirmaw, u aċċettaw li jiktbu s-self fuq is-soċjeta` konvenuta.

Lanqas ma jista' jingħad li l-obbligazzjoni hija mingħajr kawża leċita, għax għalkemm il-provi huma ftit konfunzjonali, din il-Qorti hija konvinta li sar is-self tas-somma indikata. Ma hux ċar minn fejn l-atturi ġabu l-flus mislufa, pero`, jirriżulta li l-konvenuti kellhom bżonn somma ta' flus biex jissellfu somma kbira mingħand barrani (ċertu Ken Rees Jones), u li din is-somma ingħatat lilhom mill-atturi. Il-partijiet iltaqgħu bl-intervent ta' ċerta Lilian Debono, li kkonfermat li l-konvenuti riedu l-flus malajr u talbuha ssib lil xi ħadd jagħmlilhom pjaċir u jsellifhom il-flus. Da parti tagħha, wara diversi inkontri, din Lilian Debono ġiet inkarigata mill-attur tillikwidalu l-investimenti tiegħu bex b'hekk tgħinu jiġbor il-flus li kellhom

bżonn il-konvenuti. Kwindi, hemm il-kuntratt ta' self li jirriżulta li l-iskop tiegħu kien leċitu.

Dwar l-eċċezzjoni bażata fuq il-ksur tal-liġijiet tal-kambju, il-konvenut jgħid li l-eċċezzjoni hija mmirata lejn "*l-eżekuzzjoni tal-iskrittura*" u mhux lejn l-iskrittura nnifisha. Darba hu hekk, l-iskrittura hija valida, u x'seta' ġara wara ma hux rilevanti għal dan il-fini. Jekk, fl-eżekuzzjoni tal-iskrittura, u cioe`, biex l-atturi għamlu s-self, kisru xi liġi din għandhom jarawha l-awtoritajiet kompetenti. Mill-atti pero`, ma jirriżultax li effettivament sar self f'munita estera. L-atturi setgħu ġabu flus minn barra għall-iskop li riedu jwettqu, pero`, dan ma jfissirx li s-self effettivament sar f'munita estera. Barra minn dan, kif osservat din il-Qorti fil-kawża **Bonett v. Borg**, deċiża fis-6 ta' Ottubru, 1999, f'każ ta' self, sakemm is-self innifsu jkun għal skop leġittimu, il-fatt li setgħu, wara l-kwinti, inkisru xi liġijiet tal-pajjiż biex seta' ġie affettwat dak is-self, ma jġibx għan-nullita` tas-self u l-ammonti mislufa jkunu jridu jintraddu lura.

Dan ifisser illi l-eċċezzjonijiet kollha ta' Joseph Attard personalment fir-rigward tal-iskrittura tas-6 ta' Lulju, 1999, ma jistħoqqilhomx li jiġu milqugħa, u fil-fatt qed jiġu miċħuda, bit-talbiet tal-atturi fil-konfront tiegħu jiġu milqugħa.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attriċi konjuġi Farrugia billi tilqa' l-istess *in parte* u tirriforma s-sentenza billi (a) tħassarha fejn laqgħet it-tielet eċċezzjoni ta' Joseph Attard, u ċioè dik tal-preskrizzjoni, u minflok tiċħadha; (b) tirrevokaha fejn ċaħdet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Joseph Attard u minflok tilqa' r-raba' talba attriċi fil-konfront ta' Joseph Attard kif ser jingħad; (ċ) għalhekk tħassarha fejn ċaħdet ir-raba' talba attriċi u minflok tilqa' l-istess talba attriċi kif dedotta; (d) taħtar lin-Nutar Dr. John Spiteri biex jippubblika l-att opportun u lill-Avukat Dr. Abigail Critien sabiex tidher fuq l-imsemmi att biex tirrappreżenta l-eventwali kontumaċi, u tordna li l-kuntratt jiġi pubblikat fl-edifizju ta' dawn il-qrati nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar, 2018, fil-11.00am, jew f'data u ħin ieħor li tista' tiffissa din il-Qorti fuq talba ġustifikata tan-nutar hawn nominat; (e) tikkonfermaha fil-bqija.

L-ispejjeż kollha tal-kawża inkluż dawk in prim istanza jitħallsu kwantu għall-kwint ($^1/_5$) mill-atturi *in solidum*, u kwantu għal erba kwinti ($^4/_5$) mill-konvenuti Joseph Attard u G&AC House Ltd. *in solidum* bejniethom.

Silvio Camilleri
Prim Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Joseph Azzopardi
Imħallef

Deputat Reġistratur
df/mb